**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 22 ta’ Settembru 2016**

Rikors Guramentat Nru. 288 / 15RGM

Kawza fil-lista: 15

**A B f’isimha proprju u bhala kuratrici *ad litem***
**tal-minuri C B u D B u dan permezz**
**ta’ digriet datat 12 ta’ April 2016**
**vs**
**E F; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentatipprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1) Illi fit-13 ta' Dicembru 2006 l-esponenti welldet tifla bl-isem C B u fl-1 ta' Marzu 2008 l-esponenti welldet tifla ohra bl-isem D B;

2) Illi minn l-att tat-twelid ta' dawn it-tfal jirrizulta li meta gie irregistrat it-twelid taghhom huma gew irregistrati minn l-esponenti bhala missier li sa dakinhar ma kienx maghruf;

3) Illi l-rikorrenti taf li missier it-tfal huwa l-intimat E F;

4) Illi r-rikorrenti tixtieq li tigi stabbilita l-paternita' tat-tfal taghha permezz ta' fatti kif ukoll b'testijiet genetici;

5) Illi ghalkemm l-intimat gie interpellat permezz ta' ittra ufficjali sabiex jirrikonoxxi it-tfal tieghu huwa baqa' inadempjenti;

6) Illi E F qieghed jirrifjuta li jhallas manteniment ukoll ghal uliedu;

7) Illi ghalhekk kellha issir din il-kawza;

Jghid ghalhekk il-intimat ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1) Tiddikjara illi l-intimat E F huwa l-missier naturali taz-zewg minuri C B u D B;

2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelid tal-minuri billi fil-kolonna intestata' 'isem u kunjom missier it-tarbija', jigi jaqra 'E F; u tordna ukoll illi l-partikolaritajiet relattivi ghad-dokument ta' l-identita, ghall-eta', ghall-post tat-twelid u ta' residenza, u ghall-isem u kunjom il-missier jekk hux haj jew mejjet, inkwantu jirreferu ghal missier, jigu indikati konsegwentement billi jigu inidkati dawk il-partikolaritajiet u cioe' taht il-kolonna 'id-dokument ta' l-identita' jigi jaqra 37781M; taht il-kolonna 'eta' jigi jaqra l-eta ta E F'; taht il-kolonna 'twieldu' jigi jaqra 'il-post ta' twelid ta' E F'; taht il-kolonna 'joqghodu' jigi jaqra Santa Venera Malta; u taht il-kolonna 'isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet' jigi jaqra isem missier E F u jekk ghadu haj jitnizzel haj jekk le jitnizzel mejjet.

3) Tiddikjara ukoll illi l-intimat E Carana, bhala missier iz-zewg minuri hawn indikati ghandu l-obbligi li jmantni u jeduka l-istess minuri u dan b' effett mid-data tat-twelid tal-istess minuri.

4) Tillikwida jekk ikun il-kaz bl-opera ta' perit nominandi, ammont ta' manteniment li ghandu jkun pagabbli minn l-intimat E F lill-attrici bhala manteniment ghall-minuri inkluz l-arretrati tal-istess mid-data tat-twelid tal-istess minuri filwaqt li tistabbilixxi wkoll il-modalitajiet ta' kif ghandu jithallas l-manteniment u ta' kif ghandu jigi rivedut u awmentat.

5) Tordna u tikkundanna lill-intimat sabiex ihallas lill-attrici dik is-somma ta' manteniment hekk likwidata fit-talba precedenti bil-modalitajiet u termini kif stabbiliti inkluzi ukoll l-arretrati tal-istess manteniment mid-data tat-twelid tat-tlett minuri.

Bl-isepjjez inkluz dik ta' l-ittra ufficjali datata u it-test tad-DNA kontra l-konvenut li jibqa' ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut E F li taqra kif gej:-

1. Illi l-esponenti u l-attrici kienu bdew relazzjoni fis-sena 2003 u liema relazzjoni damet ghaddejja 11-il sena ossia sas-sena 2014 (anke jekk kien hemm zmien meta l-partijiet hassru ghal xi xhur);

2. Illi tul din ir-relazzjoni l-attrici welldet zewg ulied bl-ismijiet Shanava B illi twieldet fil-13 ta' Dicembru 2006, u D B illi twieldet fil-1 ta' Marzu 2008;

3. Illi f'dan iz-zmien, anke jekk il-partijiet kienu jinsabu f'relazzjoni, l-attrici nsistiet illi tirregistra lil dawn iz-zewg ulied bhala wlied missier mhux maghruf;

4. Illi l-esponenti effettivament ghandu dubbji dwar il-paternita' tal-istess ulied minuri anke minhabba l-fatt illi l-attrici kellha relazzjoni tal-anqas ma' persuna ohra;

5. Illi ghalhekk jehtieg illi jsiru t-testijiet xjenitifici kollha necessarji sabiex effettivament jigi determinat jekk l-esponenti hux missier il-minuri jew min minnhom.

6. Illi t-talbiet attrici ghall-manteniment tal-minuri inkluz l-arretrati huma intempestivi stante illi tali proceduri ghandom jigu preceduti bil-proceduri ta' medjazzjoni ai termini tal-Artikolu 9 tal-Avviz Legali 397 tas-sena 2003;

7. Illi minghajr pregudizzju ghal fuq premess, l-esponenti jirrileva illi tul il-perijodu u meta l-partijiet kienu jirrisjedu flimkien fil-fond tal-esponenti, dejjem kien hu illi ha hsieb il-bzonnijiet ta' l-attrici u taz-zewg ulied minuri, ahwa B u ghalhekk certament illi l-esponenti qeda kwalunkwe obbligu illi seta' kellu fil-konfront tal-minuri - jekk jirrizulta illi huma wliedu - ghal dak iz-zmien kollu;

8. Illi jrid jinghad illi meta r-relazzjoni bejn il-partijiet intemmet u l-attrici telqet mid-dar flimkien ma' wliedha minuri, zdiedu d-dubbji tal-esponenti dwar kemm effettivament dawn huma wliedu peress illi l-attrici waqfet kwalunkrwe tip ta' kuntatt mal-esponenti. Sahansitra l-esponenti sar jaf, minghand terzi persuni, illi wahda mill-ulied, D B, tinsab f’istitut - u dan ukoll ifisser illi l-attrici m'ghandha l-ebda jedd illi titlob il-manteniment ghall-minuri jew min minnhom, fi kwalunkwe perijodu illi din ma kinitx qieghda effettivament trabbi lill-istess;

9. Fid-dawl tal-fatti fuq esposti, illi l-esponenti jiddikjara illi jaf personalment, huwa:

a. Jirrimetti ruhu ghall-ewwel zewg talbiet attrici fis-sens illi ghandhom isiru t-testijiet xjentifici relattivi u f'kaz biss illi jirrizulta illi l-esponenti huwa effettivament missier il-minuri jew min minnhom fil-grad rikjest mill-Ligi;

b. Jissottometti illi t-tielet, ir-raba' u l-hames talba ghandhom jigu michuda fl-intier taghhom stante illi dawn huma intempestivi u fi kwalunkwe kaz infondati fil-fatt u fid-dritt, ghar-ragunijiet fuq premessi;

c. L-ispejjez kollha tal-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attrici stante illi kien biss bl-agir u bl-insistenza taghha illi l-ulied gew registrati bhala ulied missier mhux maghruf, sahansitra fiz-zmien meta l-partijiet kienu ghadhom f'relazzjoni bejniethom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 1818 (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u in linea preliminari ukoll, ghall-inqas mill-atti li gew notifikati lill-esponent tidher li hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni mehtiega, li permezz taghha A B giet mahtura bhala kuratrici ad litem tal-minorenni C u D ahwa B skont id-disposizzjonijiet tal-Artikoli 782 u 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Illi bla pregudizzju, l-esponent jistqarr li mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha kkoncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi bla hsara ghas-suespost, f'kaz li jintlaqaw it-talbiet tar-rikorrenti, 1-esponent jistieden lil konvenut E F sabiex jipprezenta d-dettalji personali kollha tieghu, permezz ta' nota li tispecifika senjatament (1) In-numru tal-karta tal-identita` tieghu, (2) Ismu u kunjomu, (3) L-eta` tieghu meta twieldu il-minorenni C u D ahwa B, (4) Il-post tat-twelid tieghu, (5) Il-post ta' residenza tieghu meta twieldu l-imsemmija minorenni, (6) Isem u kunjom ta' missieru u (7) Jekk l-

imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieldu il-minorenni C u D ahwa B. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex tigi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid ta’ fuq riferiti minorenni C u D ahwa B, bin-numru ta' registrjazzjoni progressiv erbat elef, erbgha u hamsin (4054) tassena elfejn u sitta (2006) u bin-numru progressiv tmien mija u sittin (860) tassena elfejn u tmienja (2008) rispettivament;

5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponent jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandhom jassumu l-minorenni C u D ahwa B a tenur tal-Artikolu 92 (5) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. Illi bla hsara ghall-premess, l-esponent jistqarr illi ghall-ahhar tlett talbiet huwa mhuwiex il-legittimu kontradittur.

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-17 ta’ Frar 2016 meta l-Qorti nnominat lil Dottor Marisa Cassar biex tikkonduci t-test tad-DNA fuq il-partijiet u fuq iz-zewg minuri;

Rat id-digriet moghti mill-Qorti seduta stante, fit-12 ta’ April 2016, fejn l-attrici giet nominata kuratrici ‘ad litem’ taz-zewg uliedha il-minuri C u D;

Rat x-xhieda ta’ Dottor Marisa Cassar, moghtija fis-seduta tat-12 ta’ April 2016, fejn ikkonfermat li l-konvenut E F huwa il-missier taz-zewgt itfal;

Rat id-DNA Paternity Test Report taz-zewgt itfal minuri;

Rat in-nota tal-konvenut, ipprezentata fis-27 ta’ April 2016, fejn elenka il-konotati tieghu;

Rat in-nota tal-Medjatur, Caroline Mallia, pprezentata fid-19 ta’ Mejju 2016;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-14 ta’ Gunju 2016, fejn il-partijiet iddikjaraw li kienu ser jippruvaw jiftehmu dwar modalita’ ta’ access ‘ pendente lite’, li l-

attrici kellha tipprezenta rikors dwar il-manteniment, u l-kawza giet diferita ghallum ghas-sentenza in parte dwar l-ewwel u t-tieni talbiet attrici, u fil-mori tat-differiment l-attrici kellha tressaq il-provi taghha quddiem l-Assistent Gudizzjarju.

IL-PROVI.

L-attrici annettiet mar-rikors promotorju, Dok A, Fol 6, ic-certifikat tat-twelied tal-minuri C,li twieldet fit-13 ta' Dicembru 2006, fejn l-istess attrici hi registrata bhala l-omm tat-tarbija, mentri dwar missier it-tarbija c-certifikat jghid "unknown father", id-dikjarazzjoni skont ic-certifikat saret mill-attrici.  Gie anness ukoll bhala Dok B ic-certifikat tat-twelied tal-minuri D, li twieldet fl-1 ta' Marzu 2008, l-attrici hi registrata bhala l-omm, li hi registrata li ghamlet id-dikjarazzjoni, u dwar missier it-tarbija ic-certifikat jghid "unknown father".

Ma jirrizultax li l-konvenut gie notifikat bl-ittra ufficjali tal-10 ta' April 2015, ir-riferta tat-12 ta' Mejju 2015, Fol 9 a tergo tghid li l-ittra kienet 'unclaimed'.

Ir-rapporti dwar id-DNA Paternity Test jinsabu a Fol 30 u 31 dak dwar il-minuri D u a Fol 32 u 33 dak dwar il-minuri C. Dawn gew ikkonfermati bil-gurament mill-espert mediku Dottor Marisa Cassar fit-12 ta' April 2016.  Skont dawn ir-rapporti l-konvenut, E F hu il-missier biologiku taz-zewgt itfal.

L-attrici, fir-rikors promotur tippremetti (it-tielet premessa) li hi taf li l-missier tat-tfal hu l-intimat E F. L-konvenut, fir-risposta tieghu, jiddikjara, para 4, li ghandu d-dubbji tieghu dwar il-paternita' tat-tfal, billi f'dak iz-zmien l-attrici kellha relazzjoni 'talanqas ma' persuna ohra', pero' finalment iddikjara li kien qed jirrimetti ruhhu ghall-ezitu tat-testijiet xjentifici relattivi.

KONSIDERAZZJONIJIET.

L-**Artikolu 100A tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta' Malta jghid hekk:

"F'kawzi li ghalihom jaghmel riferenza dan is-Sub-Titolu, il-Qorti tista', minghajr hsara ghal kull prova li jistghu jgibu l-partijiet skont il-ligi, tehtieg lill-partijiet biex jissottommettu ghall-ezamijiet kif imsemmija fl-Artikolu 70A, u fl-istess mod u fl-istess cirkostanzi".
L-Artikolu 70A jittratta dwar 'Parentela naturali' u jelenka is-sitwazzjonijiet varji fejn hu mehtieg il-kunsens tal-partijiet ghal test generiku dwar paternita' u li jaccettaw li jittehdilhom kampjun genetiku xieraq ghat-test skont id-disposizzjonijiet tal-ligi vigenti.

L-attrici, qed tipprocedi b'din il-kawza, fit-termini tal-**Artikolu 86A tal-Kap 16** li jghid hekk:

"L-omm ta' iben imnissel jew imwieled barra miz-zwieg li ma jigix maghruf mill-missier, u dak l-istess tifel, jistghu f'kull zmien iressqu talba gudizzjarja biex tigi stabilita l-paternita' tat-tifel u biex il-qorti tordna r-registrazzjoni ta' dik il-paternita' fl-atti tal-istat civili relattivi."

L-espert mediku nomintata mill-Qorti, Dottor Marisa Cassar, ikkonfermat fis-seduta tat-12 ta' April 2016, Fol 29, li E F hu missier iz-zewgt itfal. Ir-rapporti relattivi, gew minnha kkonfermati bil-gurament fl-istess gurnata.

B'nota pprezentata fis-27 ta' April 2016, Fol 38, in segwitu ghal digriet tal-Qorti tat-12 ta' April 2016, E F elenka l-konotati personali tieghu, kif mitluba mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fir-risposta guramentata tieghu. Dawn huma s-segwenti:

Numru tal-karta tal-identita' -- 37781(M)
Ismu u kunjomu – E F
L-eta' tieghu meta twieldu il-minuri C u D – 25 u 27 sena rispettivament.
Il-post tat-twelied tieghu – Pieta'
Il-post tar-residenza tieghu meta twieldu l-minuri msemmija----Pieta'
Isem u kunjom missieru -- Emanuel F
Jekk il-missier patern kienx ghadu haj meta twieldu l-imsemija minuri – Iva.

B'verbal registrat fis-seduta tat-12 ta' April 2016, id-difensuri tal-attrici u tal-konvenut talbu li l-kap tal-ispejjez jigi deciz mas-sentenza finali.

Billi skont l-espert mediku nominata mill-Qorti, u skont ir-rapporti taghha minnha pprezentati u kkonfermati, il-konvenut E F hu il-missier naturali tal-minuri C u D B, l-ewwel zewg talbiet attrici jimmeritaw li jigu milqugha.

Dwar l-eccezzjonijiet imressqa mill-konvenut Direttur tar-Registru jinghad dan l-gej.

Permezz tal-ewwel eccezzjoni tieghu eccepixxa li l-Avukat Generali ma giex notifiakt skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Filwaqt li tali eccezzjoni hija fondata mill-atti jirrizulta li tali nuqqas ma rreka ebda pregudizzju.

Permezz tat-tieni eccezzjoni tieghu eccepixxa illi hemm nieqsa l-awtorizzazzjoni sabiex l-attrici setghat tistitwixxi l-kawza odjerna ghan-nom taz-zewg minuri. In

sostenn ta' din l-eccezzjoni d-Direttur qed jinvoka l-Artikoli 782 u 783 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-fehma tal-Qorti din it-tieni eccezzjoni tad-Direttur ma hiex fondata. Artikolu 783 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi jekk minuri jkollu appuntat ghall-interess tieghu tutur il-Qorti m'ghandiex tahtar kuratur ad litem. Inoltre Artikolu 781 tal-Kap. 12 jipprovdi illi:-

"M'humiex kapaċi biex joqogħdu f'kawża bħala atturi jew bħala konvenuti:
(a) il-minuri, ħlief fil-persuna tal-ġenitur li jkun qed jeżerċita s-setgħa tal-missier, jew, fin-nuqqas ta' dan, fil-persuna ta' tutur jew kuratur;"

Isegwi ghalhekk illi l-genitur li ghandu, wahdu jew wahedha, is-setgha ta' genitur ma tehtiegx il-permess tal-Qorti sabiex tistitwixxi kawza ghan-nom tal-minuri, salv xi kazijiet eccezzjonali li mhux rilevanti ghall-finijiet tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant it-tieni eccezzjoni tad-Direttur qed tigi rigettata.

DECIDE.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-ewwel zewg talbiet attrici u l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku billi tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Direttur u tilqa' l-kumplament tal-eccezzjonijiet tieghu;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-konvenut E F hu l-missier naturali taz-zewg minuri, C B u D B imwielda fit-13 ta'Dicembru 2006 u fl-1 ta' Marzu 2008 rispettivament;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel l-annotazzjoni opportuna fic-certifikat tat-twelied taz-zewg minuri, b'mod li jigu inseriti l-konotati tal-konvenut E F, kif minnu indikati fin-nota tieghu pprezentata fis-27 ta' April 2016.

3. Todna li z-zewg minuri jkunu maghrufa bil-kunjom "F B".

L-ispejjez ta' din is-sentenza in parte jithallsu in kwantu ghal nofs mill-attrici u nofs mill-konvenut E F.

**Imhallef** **Deputat Registratur**